# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 2008

## dwar l-addattament tal-koeffiċjenti korrettivi applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2007, l-1 ta' Settembru 2007, l-1 ta' Ottubru 2007, l-1 ta' Novembru 2007, l-1 ta' Diċembru 2007 u l-1 ta' Jannar 2008 għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu f'pajjiżi terzi

(2008/942/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolamenti tal-Personal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għal impjegati oħrajn ta' dawn il-Komunitajiet, stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]) u b'mod partikolari 13(2), tal-Anness X tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 624/2008 ([2]), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(1), tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Personal, ġew stabbiliti l-koeffiċjenti korrettivi li jaffettwaw ir-remunerazzjonijiet imħallsa, mill-1 ta' Lulju 2007, fil-munita tal-pajjiż tax-xogħol tagħhom, lill-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-aġenti b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu f'pajjiżi terzi.

(2) Jeħtieġ li wħud minn dawn il-koeffiċjenti korrettivi jiġu addattati f'konformità mal-Artikolu 13(2) tal-Anness X tar-Regolament tal-Personal, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2007, l-1 ta' Settembru 2007, l-1 ta' Ottubru 2007, l-1 ta' Novembru 2007, l-1 ta' Diċembru 2007 u l-1 ta' Jannar 2008, minħabba li minn statistika li għandha l-Kummissjoni joħroġ fid-dieher li f'ċerti pajjiżi terzi l-varjazzjoni fl-għoli tal-ħajja, ikkalkulata skond il-koeffiċjent korrettiv u r-rata tal-kambju korrispondenti, qabżet il 5 % minn meta ġiet stabbilita jew aġġustata l-aħħar,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-koeffiċjenti korrettivi applikabbli għar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali, l-aġenti temporanji u l-personal b'kuntratt tal-Komunitajiet Ewropej li jaħdmu f'pajjiżi terzi, imħallsin fil-munita tal-pajjiż tax-xogħol tagħhom, huma addattati għal ċerti pajjiżi, indikati fl-Anness. Dan l-Anness jinkludi sitt tabelli ta' kull xahar li jindikaw il-pajjiżi kkonċernati kif ukoll id-dati suċċessivi għall-applikazzjoni f'kull pajjiż (mill-1 ta' Awwissu 2007, l-1 ta' Settembru 2007, l-1 ta' Ottubru 2007, l-1 ta' Novembru 2007, l-1 ta' Diċembru 2007 u l-1 ta' Jannar 2008)

Ir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu ta' dawn ir-remunerazzjonijiet huma stabbiliti f'konformità mal-modalitajiet ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju u jikkorrispondu mad-dati differenti indikati fl-ewwel paragrafu.

Magħmula fi Brussell, tad-9 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

Benita FERRERO-WALDNER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([2]) ĠU L 172, 2.7.2008, p. 1.

*ANNESS*

**AWWISSU 2007**

| Pajjiż tax-xoghol | Rati tal-kambju Awwissu 2007 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Awwissu 2007 (**) | Paritajiet ekonomiċi Awwissu 2007 |
|---|---|---|---|
| Il-Bangladexx | 94,2022 | 49,9 | 47,03 |
| Il-Gana | 1,279 | 67,5 | 0,863 |
| Is-Sudan | 2,77849 | 53,6 | 1,489 |

**SETTEMBRU 2007**

| Pajjiż tax-xoghol | Rati tal-kambju Sett. 2007 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Sett. 2007 (**) | Paritajiet ekonomiċi Sett. 2007 |
|---|---|---|---|
| Il-Każakistan (Astana) ([1]) | 170,67 | 71,8 | 122,6 |
| Il-Paragwaj | 6 968 | 76,0 | 5 298 |
| Il-Jemen ([2]) | 271,551 | 72,1 | 195,7 |

**OTTUBRU 2007**

| Pajjiż tax-xoghol | Rati tal-kambju Ott. 2007 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Ott. 2007 (**) | Paritajiet ekonomiċi Ott. 2007 |
|---|---|---|---|
| L-Eritrea | 21,4263 | 45,5 | 9,744 |
| Il-Ginea (Conakry) ([3]) | 5 398,58 | 63,8 | 3 445 |
| L-Indja | 56,215 | 54,3 | 30,52 |

**NOVEMBRU 2007**

| Pajjiż tax-xoghol | Rati tal-kambju Nov. 2007 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Nov. 2007 (**) | Paritajiet ekonomiċi Nov. 2007 |
|---|---|---|---|
| L-Armenja | 465,26 | 116,1 | 540,1 |
| Il-Kamboġja | 5 832 | 69,1 | 4 029 |
| Il-Gabon | 655,957 | 116,6 | 765 |
| Il-Lesoto | 9,4923 | 59,1 | 5,612 |
| Il-Madagaskar | 2 586,65 | 77,6 | 2 008 |
| Il-Venezwela ([4]) | 3 097,51 | 64,1 | 1 987 |
| Il-Jemen ([2]) | 286,558 | 64,5 | 184,7 |

**DIĊEMBRU 2007**

| Pajjiż tax-xogħol | Rati tal-kambju Diċ. 2007 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Diċ. 2007 (**) | Paritajiet ekonomiċi Diċ. 2007 |
|---|---|---|---|
| Il-Ġibuti | 261,925 | 90,9 | 238 |
| Il-Ġamajka | 104,777 | 83,6 | 87,59 |
| It-Tonga | 2,8039 | 87,0 | 2,438 |
| It-Trinidad u Tobago | 9,2323 | 67,0 | 6,19 |

**JANNAR 2008**

| Pajjiż tax-xogħol | Rati tal-kambju Jann 2008 (*) | Koeffiċjenti korrettivi Jann 2008 (**) | Paritajiet ekonomiċi Jann 2008 |
|---|---|---|---|
| L-Alġerija | 97,9677 | 90,0 | 88,13 |
| Iċ-Ċili | 718,74 | 66,2 | 476 |
| Il-Gambja | 32,75 | 69,7 | 22,82 |
| Il-Gana | 1,3895 | 65,3 | 0,907 |
| Il-Ginea (Conakry) (3) | 6 072,9 | 59,6 | 3 618 |
| Il-Każakistan (Astana) (1) | 173,75 | 75,3 | 130,9 |
| Is-Sważiland | 10,0012 | 58,0 | 5,805 |
| It-Taġikistan | 5,08916 | 65,2 | 3,319 |
| Il-Venezuela (4) | 3 158,78 | 67,4 | 2 130 |
| Il-Jemen (2) | 289,84 | 59,9 | 173,6 |

(*) EURO 1 = munita nazzjonali.
(**) Brussell = 100 %.
(1) Il-koeffiċjent ta’ Astana addattat darbtejn fiż-żmien ikkonċernat minn din id-deċiżjoni: Għall-1 ta’ Settembru 2007 u għall-Jannar 2008
(2) Il-koeffiċjent tal-Jemen addattat tliet darbiet fiż-żmien ikkonċernat minn din id-deċiżjoni: għall-1 ta’ Settembru 2007, l-1 ta’ Novembru 2007 u l-1 ta’ Jannar 2008
(3) Il-koeffiċjent ta’ Conakri addattat darbtejn fiż-żmien ikkonċernat min din id-deċiżjoni: għall-Ottubru 2007 u għall-Jannar 2008.
(4) Il-koeffiċjent tal-Venezwela addattat darbtejn fiż-żmien ikkonċernat minn din id-deċiżjoni: għall-Novembru 2007 u għall-Jannar 2008.